**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit); M.A. (Melit).**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 16 ta' Dicembru, 2020**

**Talba Nru: 152/2020PM1**

**Grace Allison Vassallo (446484(M)) u Raymond Vassallo (221463(M)) ghal kull interess li jista' jkollu**

**Vs**

**Jessica Pace (527787(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Lulju, 2020 permezz ta' liema l-atturi talbu li t-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenuta debitrici favur l-atturi f' ammont ta' elf u sitt mitt euro (€1,600), jordna l-hlas tal-istess, bl-ispejjez kontra l-konvenuta inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 383/2020 li giet ipprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-25 ta' Frar, 2020 u bl-imghax sad-data effettiva tal-hlas.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess talba senjatament kopji tal-ittra legali datata 1 t'Ottubru, 2019 u tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Frar, 2020

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 16 ta' Settembru, 2020 permezz ta' liema l-l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;
2. Illi l-esponenti qatt ma rceviet ebda flus minghand ir-rikorrenti u ghalhekk ma hemm ebda relazzjoni guridika bejniethom
3. Illi ma kienx hemm ebda self bejn il-partijiet u s-self sar bejn ir-rikorrenti u t-tifla taghha.

   Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Sema' x-xhieda tal-attrici u ta' bintha Katya Vassallo u ra d-dokumenti ezebiti waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru, 2020.

Sema' wkoll ix-xhieda tal-konvenuta waqt is-seduta tal-11 ta'Dicembru, 2020.

Sema' s-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi f'din il-kawza l-attrici qed titlob li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' elf u sitt mitt euro (€1600) rapprezentanti self maghmul mill-attrici u mizmum mill-istess konvenuta wara li r-relazzjoni ta' bejn bint l-attrici u l-konvenuta intemmet. Permezz tal-istess talba taghha l-attrici tikkontendi li, minkejja li kien intlahaq ftehim mal-istess konvenuta li s-somma hekk mislufa tithallas mill-konvenuta lill-attrici permezz ta' pagamenti mensili, hija xorta wahda baqghet inadempjenti. Da parti taghha l-konvenuta eccepiet illi hija m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attrici ghaliex is-self ma sarx favur taghha imma esklussivament bejn l-attrici u bintha.

Illi hekk ukoll matul ix-xhieda taghha il-konvenuta stqarret li s-self mertu tal-kawza mhux tassew li sar lilha imma favur l-ex partner taghha, certa Katya Cassallo, li tigi t-tifla tal-istess attrici. In succint, hija sostniet illi ghalkemm kienet hi li dehret ghal tali self (mehtieg sabiex jigi konkluz in-negozju tal-kiri tal-appartament li fih ghamlu zmien jghixu kemm il-konvenuta u kif ukoll bint l-attrici) billi kkonvinciet lill-attrici tghaddi s-somma mislufa, apparentement biss a favur taghha, effettivament tali self kien intiz ghall-bint l-istess attrici li, skont il-konvenuti, irceviet tali somma u bbenefikat minnha wkoll matul il-konvivenza taghhom. Il-konvenuta tikkontendi l-attrici kienet propensa li tislef il-flus lilha imma mhux lil bintha stess u kien ghalhekk biss li s-self sar, fid-deher, favur taghha.

Illi mill-aspett prettament legali jehtieg li jinghad li r-Regoli ghal Tribunal ghal Talbiet Zghar jipprovdu espressament ghall-procedura li ghandha tigi segwita meta, bhal f'dan il-kaz, il-konvenut ikun tal-fehma li l-ammont mitlub minnu ghandu jigi mhallas minn terzi persuni:

> *6.(1) Jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jkun ħadd ieħor li jħallas it-talba, huwa għandu jindika fir-risposta tiegħu min hi dik il-persuna l-oħra li għandha tħallas it-talba kollha jew parti minnha.*
>
> *(2) Il-konvenut għandu permezz tat-Tribunal jinnotifika lil terzi:*
>
> *(a) b'kopja tat-talba; u*
>
> *(b) b'kopja tar-risposta tiegħu; u*
>
> *(ċ) b'avviż lil terzi; u*
>
> *(d) b'formola għal risposta vojta.*

Illi jirrizulta kjarament mill-atti tal-kawza odjerna li l-konvenuta, filwaqt li rreferiet ghall-bint l-attrici permezz tar-risposta taghha la talbet u lanqas ma wettqet xejn minn dak mehtieg minnha skont il-ligi kif hawn fuq citata sabiex tirrendi lil bint l-attrici partecipi f'dawn il-proceduri in linea ma' dak espressament provdut taht ir-Regola 6(2) hawn fuq citata. Ghat-Tribunal tali nuqqas ghandu jkun sufficjenti sabiex iwassal ghac-cahda tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, dana in linea ma' dak li jinsab deciz ukoll mit-

Tribunal odjern kif presjedut (ara f'dan is-sens **GasanMamo Insurance Limited v. John Bonnici** deciza fis-17 t'Ottubru, 2019 fost ohrajn).

Illi kieku s-surreferit ma kienx wahdu bizzejjed sabiex jiggustifika it-talba attrici kif dedotta fil-konfront tal-konvenuta, tali talba tinsab ukoll gustifikata ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok, anke skont ix-xhieda moghtija mill-istess konvenuta, l-attrici fi kwalunkwe kaz ghazlet li ssellef tali flus bl-intiza li tali self kien qed isir lill-konvenuta stess. Kienet fil-fatt il-konvenuta stess li talbet lill-attrici ghal tali flus u anke jekk, skont il-konvenuta, tali somma baqghet xorta wahda ma marritx ghandha, l-intenzjoni tal-attrici kienet li tali somma tmur a beneficcju tal-konvenuta biss u mhux ghal terzi persuni, dana aktar u aktar wara li spiccat ir-relazzjoni ta' bejn il-konvenuta u bint l-attrici. Jirrizulta wkoll li, kif ammess mill-istess konvenuta, il-kuntratt ta' kera tal-appartament sar esklussivament f'isem l-istess konvenuta u bint il-konvenuta baqghet tabita hemm biss ghal ftit gimghat sakemm giet terminata r-relazzjoni ta' bejniethom. Wara li spiccat ir-relazzjoni, in linea mal-kuntratt ta' kera konkluz, hija l-konvenuta li baqghet tabita fl-istess fond u kwindi kienet hi li finalment ibbenefikat ukoll mis-self li sar mill-attrici.

2. Fit-tieni lok, it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li fi kwalunkwe kaz il-verzjoni moghtija mill-konvenuta ftit ghandha mill-kredibbli. Minkejja l-verzjoni moghtija minnha stess, il-konvenuta baqghet ma fissritx kif, minkejja r-rezistenza tal-attrici li tislef il-flus lil bintha stess, l-attrici kienet imbaghad kuntenta li tislef tali somma lill-konvenuta li hija kienet taf li kienet is-siehba taghha. Lanqas ma tispjega, wisq anqas toffri gustifikazzjoni ragjonevoli ghall-allegazzjoni taghha li, minkejja tali rezistenza da parti tal-attrici sabiex tislef flus lil bintha, xorta wahda – almenu skont ma tghid l-istess konvenuta - meta l-attrici giet biex tghaddi tali somma l-attrici ghaddiet proprju tali somma lil bintha u mhux lilha jew kif (jekk dan, skont hi, huwa minnu) li – kif xehdet l-attrici - ntlahaq ftehim maghha ghall-pagamenti rateali. Ghat-Tribunal tali

inkongruwenzi essenzjali fil-verzjoni fornita mill-konvenuta irendu l-verzjoni taghha ghal kollox inverosimili u kwindi mhux kredibbli.

3. Illi, wkoll lilhinn mis-surreferit, hija l-istess konvenuta li tammetti li tali somma hija dovuta minnha permezz ta' diversi messaggi telefonici li *screenshot* taghhom ezebita in atti u li permezz taghhom tikkonferma l-ftehim milhuq in linea ma' dak mistqarr mill-attrici billi tghid: "**Il-flus kif nghaqqadhom nibghat 'l ommok u tghidli.**". Il-konvenuta tipprova tiggustifika tali messagg billi tghid illi hija kienet kostretta illi tibghat tali messagg mill-eks siehba taghha, bint l-attrici. It-Tribunal isib li anke din il-verzjoni wkoll ftit tista' tigi ritenuta kredibbli. It-Tribunal fela' l-bqija tal-messaggi skambjati bejn il-konvenuta u bint l-attrici u minnhom ma jirrizulta xejn li jista' jaghti lit-Tribunal xi idea ta' komunikazzjoni forzata. Anzi, id-dikjarazzjonijiet li saru mill-konvenuta lil bint l-attrici fil-kuntest tar-relazzjoni ta' bejniethom u r-rezistenza li bdiet turi meta riskontrata bit-talba ghall-hlas ("*Mhux problema tieghi jekk xbajt int. Sal-ahhar ta' dan zgur li le mela hasbitni qed.... jew*" u "*Tajjeb. Lilha diga` ghidtilha lbierah li ghalissa zgur li le. L-ewwel nahseb fija u f'uliedi wara li uzajtni*" u wkoll "*Jekk hi mghaggla ghalihom tihomla int. Jien ghandi t-tfal f'min nahseb.*") huma indikattivi ta' kollox hlief ta' komunikazzjoni forzata minn bint l-attrici. Hekk ukoll, il-konvenuta tikkonferma li fir-rigward ta' tali 'forzatura' hija ma hadet ebda azzjoni wisq anqas ressqet ebda rapport lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex dawn jinvestigaw dak li kien qed jigri u jekk hemm bzonn jiehdu l-passi mehtiega.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha it-Tribunal jista' biss jikkonkludi li l-verzjoni fornuta mill-attrici fis-sens illi l-ftehim milhuq kien dak li l-konvenuta tibqa' esklussivament responsabbli ghas-self li kien sar mill-attrici u li minnu baqghet tibbenefika esklussivament l-istess konvenuta hija ferm aktar kredibbli minn dik provduta mill-konvenuta u fil-fatt tinsab ikkonfermata mill-messaggi telefonici mibghutin minn din tal-ahhar.

Illi finalment u ai fini ta' kompletezza jinghad ukoll li anke kieku kellha – *dato ma non concesso* - tigi emnuta l-verzjoni tal-konvenuta, din ma tistax twassal ghal xi mankata relazzjoni guridika bejn il-partijiet kif eccepit mill-istess konvenuta. Fil-fatt jinsab deciz mill-Qrati Taghna li:

> "***<u>Meta l-mandatarju ma jizvelax l-isem tal-mandant huwa jkun qed jagixxi f'ismu proprio u l-mandant ma jkollux azzjoni kontra t-terz u dawn ma jkollhomx azzjoni kontra l-mandant.</u>***" (**GasanMamo Insurance Agency Limited noe. v. Anton Cuschieri** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Novembru, 2005 – enfazi mizjuda).

Kwindi ghalhekk ukoll it-talba attrici timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta jilqa' t-talba attrici u kwindi filwaqt li jiddikjara lill-konvenuta debitrici favur l-attrici fis-somma ta' elf u sitt mitt euro (€1600) jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici l-istess somma, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 383/2020 u bl-imghax sad-data effettiva tal-hlas kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**
**Gudikatur**